**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Mejju, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 193/2021 AF**

**Pullicin ConBricks Limited**

**vs**

**Christopher Muscat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Pullicin ConBricks Limited, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Il-konvenut jinsab debitur tas-socjetà attrici fis-somma ta' tnejn u hamsin elf u sitt mija u tmienja u tletin Ewro u erbgha centezmi (€52,638.04) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta'

bejgh ta' *concrete* u *bricks* u materjal kif ukoll kirjiet ta' makkinarju u servizzi relatati li baqghu ma thallsux, liema dejn hu cert, likwidu u dovut. Kopja ta' statement hawn mehmuz u mmarkat Dok. A.

Nonostante illi gie interpellata sabiex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet attrici.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

L-esponenti jaf personalment bil-fatti hawn esposti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddispensa mis-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' tnejn u hamsin elf u sitt mija u tmienja u tletin Ewro u erbgha centezmi (€52,638.04) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' bejgh ta' *concrete* u *bricks* u materjal kif ukoll kirjiet ta' makkinarju u servizzi relatati li baqghu ma thallsux.

Bl-imghax skond il-ligi mill-4 ta' Dicembru 2020 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentati kontestwalment kontra s-socjetà konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-istess socjetà rikorrenti li permezz taghha rriduciet it-talba ghall-ammont ta' €22,638.04 stante pagament fil-mori tal-kawza.

Semghet lil Christopher Muscat jixhed li jammetti li ghandu jaghti lis-socjetà rikorrenti l-ammont kif ridott.

Ghladaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Christopher Muscat ihallas lis-socjetà rikorrenti is-somma ta' €22,638.04 (tnejn u ghoxrin elf u sitt mija u tmienja u tletin Ewro u erbgha centezmi), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Christopher Muscat.

IMHALLEF

DEP/REG